

Motivi invokati

- żball ta' liġi fis-sens tal-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 6/2002 u tal-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 2245/2002;
 - ksur tad-dritt fundamentali għal smiġħ tar-rikorrenti;
 - ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 6/2002.
-

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2018 – Comune di Milano vs Il-Kunsill

(Kawża T-46/18)

(2018/C 094/46)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Comune di Milano (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: F. Sciaudone u M. Condinanzi, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla skont l-Artikolu 263 TFUE d-deċiżjoni tal-Kunsill adottata fil-marġni tat-3579 laqqha tal-Kunsill fil-formazzjoni Affarijet Ġeneralit tal-20 ta' Novembru 2017 u li tirrigwarda l-ġħażla tas-sede l-ġdida tal-Ägenzija Ewropea għall-Mediċini (iktar 'il quddiem l-“EMA”), ippubblikata permezz ta’ stqarrija għall-istampa li ma tinkludix ir-rendikont [Outcome of the Council meeting (3579th Council meeting)], l-istqarrija għall-istampa nififha, Presse 65. provisional version fil-parti fejn ġie stabbilit li s-sede l-ġdida tal-Ägenzija Ewropea għall-Mediċini tiġi stabbilita f'Amsterdam;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter.

- F'dan ir-rigward qed jiġi sostnut li l-ġħan imfitteż mill-Kunsill permezz tal-proċedura ta' għażla kien dak li tinstab l-aħjar offerta għall-allocazzjoni mill-ġdid tas-sede tal-EMA fid-dawl tal-kriterji ta' għażla stabbiliti minn qabel. Bil-kontra ta' dan, l-ġħażla tas-sede l-ġdida tal-EMA permezz ta' tlugħ bix-xorti u mingħajr ebda integrazzjoni tal-investigazzjoni hija f'kuntrast mal-għan, iddiċċarat meta ġew stabbiliti r-regoli proċedurali, li tingħażel l-aħjar offerta permezz ta' proċess deċiżjonali trasparenti, abbażi ta' evalwazzjonijiet tekniċi u ta' kriterji speċifiċi ddeterminati minn qabel, u ma tippermettix li jiġi vverifikat in-nuqqas ta' ekwivalenza taż-żewġ kandidaturi ta' Milano u ta' Amterdam.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trasparenza.

- F'dan ir-rigward qed jiġi sostnut li d-deċiżjoni kkontestata hija illegali sa fejn din hija l-eżitu ta' proċess deċiżjonali li kien ikkaratterizzat minn: (i) l-assenza ta' rekwiżiti formali u ta' metodi intiżi li jiggarrantixxu t-trasparenza neċċessarja; (ii) in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni xieraq tal-elementi rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni inkwistjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Novembru 2009, dwar l-adozzjoni tar-regolamenti interni tiegħu, kif ukoll tar-regoli proċedurali tal-31 ta' Ottubru 2017.

- F'dan ir-rigward qed jiġi sostnun li mill-metodi li kkaratterizzaw l-iżvolġiment tal-votazzjoni u l-eżitu tad-deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2017 jirriżultaw daqstant ieħor motivi ta' illegalità tad-deċiżjoni tal-20 ta' Novembru 2017 minħabba ksur tar-regoli spċifici li l-Kunsill kellu jirrispetta.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Jannar 2018 – PC vs EASO

(**Kawża T-610/16**)⁽¹⁾

(2018/C 094/47)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 269, 14.8.2017

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tat-18 ta' Jannar 2018 – Iame vs EUIPO – Industrie Aeronautiche Reggiane (Parilla)

(**Kawża T-642/16**)⁽¹⁾

(2018/C 094/48)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 392, 24.10.2016.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Jannar 2018 – PC vs EASO

(**Kawża T-181/17**)⁽¹⁾

(2018/C 094/49)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 357, 23.10.2017.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Jannar 2018 – European Dynamics Luxembourg u Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(**Kawża T-281/17**)⁽¹⁾

(2018/C 094/50)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 269, 14.8.2017.